MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 528/1990/1

**Michelangelo Cutajar, Maria mart Harold Fiott, Josephine Cutajar, Antonia mart John Camilleri, Joseph Cutajar, Peter Paul Cutajar, Angela mart Nicholas Zammit, Francis Xavier Cutajar, Margaret Cutajar u ghal kull interess li jista' jkollha Felicia armla minn Peter Cutajar**

**vs**

**Nicola Cutajar u Salvatore Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Mejju 1990 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-attrici Felicia Cutajar hija l-armla ta’ Peter Cutajar u l-kontendenti l-ohra huma uliedhom;

Illi permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicola Said ippubblikat fl-24 ta’ Settembru, 1976 (Dok. A) il-konvenuti xtraw minghand il-Beneficcju Parrokkjali ossija Prebenda tal-Kappillan “pro tempore” ta’ Birzebbugia, l-ghalqa maghrufa bhala “tal-Mentna” jew “Ta Kappella” fil-kontrada “Tal-Mentna” jew “Tas-Sejba” fil-limiti tal-Imqabba tal-kejl superficjali din l-ghalqa ta’ cirka hames titmiem u tliet sighan hafna mkissra ga barrieri u ghadha mharrbta u hofra, tikkonfina mit-tramuntana mill-lvant u minn nofsinhar ma toroq pubblici bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha u bhala libera u franka minn pizijiet u dan versu l-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi att;

Illi meta sar dan it-trasferiment l-imsemmija ghalqa kienet ghand l-imsemmi Pietru Cutajar b’titolu ta’ qbiela;

Illi permezz ta’ skrittura privata datata 9 ta’ Marzu, 1983 (Dok. B) l-istess Peter Cutajar inter alia allegatament ceda a favur tal-konvenuti li accettaw u akkwistaw minghandu kull dritt ta’ qbiela u kull dritt iehor illi huwa ghandu fuq l-imsemmija ghalqa versu l-prezz ta’ mitejn lira;

Illi l-ftehim kolu inkorporat fl-imsemmija skrittura privata datata 9 ta’ Marzu, 1983 huwa null u bla effett u/jew inesistenti ghaliex mhuwiex minnu illi Peter Cutajar iffirma din l-iskrittura (fil-fatt il-firma li tidher fuq l-iskrittura privata allegatament ta’ Peter Cutajar mhijiex tieghu) u anki ghaliex ma giex imhallas boll;

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi Peter Cutajar ma ffirmax l-iskrittura privata fuq imsemmija (Dok. B) datata 9 ta’ Marzu, 1983 u li l-firma fuq l-istess dokument allegatament ta’ Peter Cutajar mhijiex tieghu;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi ma thallas boll ghac-cessjoni mertu ta’ l-istess imsemmija skrittura privata;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi per konsegwenza, anki ta' wahda biss mid-dikjarazzjonijiet mitluba fiz-zewg talbiet precedenti, il-ftehim inkorporat fl-istess skrittura privata huwa null u bla effett u/jew inesistenti;
Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal- 20 ta' April, 1990, kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi, preliminarjament, l-esponenti jitolbu illi jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju stanti illi l-istess gudizzju mhuwiex integru minhabba illi l-eredita' gjacenti tal-mejjet Peter Cutajar ma gietx mharrka fic-citazzjoni odjerna;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba attrici ghad-dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi ma thallasx boll ghac-cessjoni mertu tal-iskrittura privata ffirmata fid- 9 ta' Marzu 1983, hija frivola u vessatorja, stante illi din ma timportax in-nullita' tal-iskrittura privata in kwistjoni;

3. Illi, fuq il-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni odjerna huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-firma tal-mejjet Peter Cutajar hija firma awtentika tieghu u ta' hadd izjed;

4. Illi, ghar-ragunijiet fuq premessi, il-ftehim kollu nkorporat fl-istess skrittura privata hija valida skond il-ligi u t-talbiet attrici gha;ndhom jigu respinti bl-ispejjez;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Mejju 1991 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Gunju 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit legali bl-assistenza ta' Dr. Anthony Abela Medici bhala espert

kalligrafu biex jirrelataw biex dwar it-talbiet attrici wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li ghad mhux decizi;

Rat id-digriet tat-3 ta' Mejju 2000 li permezz tieghu ghall-imsemmi espert kalligrafu gie sostitwit Joseph Gaffiero;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fis-26 ta' Ottubru 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li tiddikjara li skrittura privata li allegatament saret bejn Peter Cutajar u l-konvenuti fid-9 ta' Marzu 1983 (Dok. B a fol. 5) hi nulla u bla effett kemm peress li l-firma ta' Peter Cutajar mijiex tieghu kif ukoll peress li ma jirizultax li thallas boll fuq ic-cessjoni li ghaliha l-imsemmija skrittura tirreferi.

Ta' rilevanza fir-rigward ta' jekk il-firma ta' Peter Cutajar hijiex tieghu jew le huma d-dokumenti li gew prodotti mill-partijiet u li permezz taghhom setghet titqabbel il-firma ta' Peter Cutajar fuq l-iskrittura msemmija.

L-espert kalligrafu Joseph Gaffiero fir-rapport tieghu jiddeskrivi l-karatteristici tal-firma ta' Peter Cutajar kif jirrizultaw mid-dokumenti esibiti u jipparaguna tali karatteristici ma' dawk li jidhru fiz-zewg dokumenti esebiti tad-9 ta' Marzu 1983 (dokument originali esebit mill-konvenut Nicholas Cutajar u kopja ta' originali ohra esebita mill-atturi) u jikkonkludi li "jidher car, ghall-inqas mill-punto di vista tieghi, li min iffirma fuq iz-zewg dokumenti tad-9.3.83 mhuwiex l-istess Peter Cutajar li ffirma d-dokumenti l-ohra kollha, jigifieri U1 sa U7, u in konsegwenza nsostni li l-firem li jaqraw bhala Peter Cutajar fuq iz-zewg dokumenti tad-9.3.83 huma t-tnejn foloz". Jigifieri l-konkluzjoni tieghu, bazata unikament fuq l-osservazzjonijiet xjentifici tieghu tad-dokumenti msemmija, hi cara u inekwivoka.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jissottometti li mix-xiehda moghtija ma jsib xejn li jgeghlu jiddubita dak li ssottometta l-espert kalligrafu. Huwa jghid:

"Din il-famuza skrittura giet allegatament ffirmata minn Peter Cutajar fil-presenza biss tal-konvenuti.

Ma hemm xejn hlief il-kelma tal-konvenuti illi Peter Cutajar effettivament iffirma din l-iskrittura. Invece jirrizulta illi Peter Cutajar kien irrabja meta sar jaf li l-konvenuti xtraw l-art. Il-konvenuti jixhdu li rrabja ghax bil-prezz li bih inbieghet seta xtraha hu. L-atturi jsostnu invece illi missierhom kien jghidilhom joqghodu attenti minn huthom l-konvenuti ghax xtraw l-art minn wara dahru.

Il-konvenuti jghidu illi Peter Cutajar ghamel xi tlett snin ihallas il-qbiela fil-Qorti pero mbaghad waqaf. Ir-raguni ghaliex Peter Cutajar wasal biex iffirma l-iskrittura lanqas mhix cara u l-konvenut Nicholas Cutajar jghid biss illi maz-zmien kien Peter Cutajar stess li ceda l-qbiela. Nicholas Cutajar ma jaghtix spjegazzjoni ghal dan il-kambjament fl-alleggament ta' Peter Cutajar.

Jirrizulta wkoll illi Peter Cutajar diversi snin qabel kien qabbel l-art lil ahwa Innocent u Lawrence Camilleri, u filwaqt li Camilleri kienu jhallsu l-qbiela lilu, Peter Cutajar kien ihallas lil knisja.

L-ahwa Camilleri hawdu fix-xhieda taghhom specjalment fejn jirrigwarda l-allegat cessjoni tal-qbiela. Filwaqt illi Innocent Camilleri jghid illi Peter Cutajar kien qallu xi sitta jew tmien snin qabel ma miet illi kien ceda l-qbiela lill-konvenuti minghajr ma specifika lil min, huh Lawrence xehed illi Peter Cutajar kien qalilhom li cediha lil konvenuti xi sena qabel ma miet. Filwaqt li Innocent Camilleri jixhed illi huma baqghu ihallsu lil Peter Cutajar sa mewtu ghax lilu kienu jafu, Lawrence Camilleri jixhed illi Peter Cutajar qalilhom ihallsu lill-konvenuti pero' billi ma kienux jafu l-indirizz taghhom baqghu ihallsu lil Peter Cutajar.

Filwaqt li Innocent Camilleri jixhed illi wara li miet Peter Cutajar hallsu lil armla ta' Peter Cutajar, Lawrence

Camilleri jixhed illi meta miet Peter Cutajar l-armla tieghu rreferiethom lil konvenuti.

Din ix-xhieda hi konfuza ghall-ahhar u tidher suspetta meta jirrizulta illi fil-mori tal-kawza l-konvenuti bieghu l-art lilhom.

Il-Kappillan Minuti li kien jircievi minghand Peter Cutajar ghan-nom tal-Knisja ma ftakar xejn bi kjarezza dwar iz-zmien meta l-knisja bieghet l-art lill-konvenuti ghalkemm jiftakar b’mod mhux preciz illi Peter Cutajar qallu li kellu l-inkwiet mal-konvenuti ghax hadulu l-art.

Din ix-xhieda kollha zgur ma tikkonfortax it-tezi tal-konvenuti li Peter Cutajar wera b’mod car u konkret ix-xewqa tieghu li jcedi l-qbiela tal-art lilhom. Anzi l-provi juru li kien hemm inkwiet fuq din l-art. Ma tistax ma jigix notat ukoll illi l-eccezzjoni li l-iskrittura ma saritilha ebda hlas ta’ boll fuqha giet sanata biss fil-mori tal-kawza cioe’ jumejn wara li Nicholas Cutajar rceva c-citazzjoni.

Kif gia gie sottomess ix-xhieda ma titfa f’ebda dubbju dak li gie konkluz mill-perit kaligrafu cioe’ illi l-firma ta’ Peter Cutajar fl-iskrittura tad- 9 ta’ Mejju 1983 hi falza u kwindi l-istess skrittura ma fiha ebda validita fil-ligi, u ghaldaqstant nulla u bla effett".

Il-Qorti ezaminat ix-xiehda moghtija u d-dokumenti esibiti u hi tal-fehma li l-perit legali ghamel analizi korretta ta' dawk il-provi. Ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni raggunta, b'dan li, stante l-hlas tal-boll wara li l-konvenut Nicholas Cutajar ircieva c-citazzjoni, filwaqt li t-tieni talba attrici mhijiex se tigi milqugha, l-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, tastjeni milli tiehu konjzzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici u tilqa' t-talbiet l-ohra attrici u ghalhekk:

(1) Tiddikjara li Peter Cutajar ma ffirmax l-iskrittura privata msemmija (Dok. B) datata 9 ta' Marzu 1983 u li l-firma fuq l-istess dokument allegatament ta' Peter Cutajar mhijiex tieghu;

(2) Tiddikjara li l-ftehim inkorporat fl-istess skrittura privata huwa null u bla effett u inezistenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------